MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 221/2010

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Marzu 2006, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-kontendenti kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalhekk iz-zwieg huwa null; li l-konvenut ilu nieqes minn dawn il-Gzejjer mis-sena 2007;

ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet null, flimkien mad-debita registrazzjoni fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li meta l-attrici kellha 16-il sena hija kienet harget tqila minn relazzjoni ma’ terza persuna, izda sussegwentement ir-relazzjoni kienet giet terminata. Missier-it tarbija, li kellu hbieb Gharab, laqqaghha ma’ ragel Sirjan, u fuq rikjesta tieghu hi marret is-Sirja fejn iffirmat xi dokumenti biex dan is-Sirjan ikun jista’ jigi Malta. Meta gew lura Malta, missier-it tarbija hadha l-Belt fejn irregistraw xi karti.

L-attrici tispjega li f’ dan iz-zmien hija kellha 18-il sena, u t-tarbija kellha circa sentejn, u li hi kienet taghmel dak li kien jghidilha missier-it tarbija. Tghid ukoll li hi kien minghaliha li z-zwieg fis-Sirja ma kienx jghodd ghal Malta, u li kienet iffirmat il-karti bi pjacir. Tghid li hi qatt ma kkonviviet ma’ dan is-Sirjan.

F’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront ta’ l-attrici l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1], filwaqt li fil-konfront tal-konvenut assenti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-istess artikolu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha, stante li jsibu sostenn fil-provi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta’ Marzu 2006.

Spejjez bejn iz-zewg partijiet; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------